MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 6/2011

Peter Paul Zerafa u martu Paola Zerafa

vs

Anthony Muscat

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-21 ta’ Marzu 2011, li jaqra hekk :-

‘Peress illi l-attur ghandu jiehu minghand il-konvenut is-somma ta’ elf u sitt euro u disgha u ghoxrin euro centezmi (€1006.29) ta’ erbgha u ghoxrin (24) gurntata xoghol bir-rata ta’ wehed u erbghin Euro u tlieta u disghin euro centezmi (€41.93) kuljum, kif ukoll is-somma ta’ mitt euro u sittax –il euro centezmi (€100.16) ta’ diversi oggetti mixtrija lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu ghal liema oggetti l-attur qatt ma gie rimborzat, kollox kif indikat fid-Dokument A hawn anness ;

Peress illi l-konvenut gie interpellat biex ihallas dan l-ammont globali ta' elf mija u sitt euro u hamsa u erbghin euro centezmi (€1,106.45), izda baqa' inadempjenti ;

Jghid l-istess konvenut il-ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux jikkundannah ihallas l-ammont ta' elf mija u sitt euro u hamsa u erbghin euro centezmi (€1,106.45), kif spjegat hawn fuq ;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Frar 2011, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Bl-imghaxijiet skont il-ligi.' ;

Il-konvenut Anthony Muscat permezz tar-risposta tieghu prezentata fis-6 ta' Mejju 2011, eccepixxa :-

'Illi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan stante ili l-istess Peter Paul Zerafa la qatt hadem mal-konvenut u wisq inqas qatt biegh kwalsiasi' oggetti lill-istess konvenut ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom imsejha.' ;

Fl-udjenza tal-24 ta' Gunju 2011, il-konvenut eccepixxa ulterjorment li l-azzjoni mressqa mill-attur hija preskitta ai termini tal-artikoli 2147(c), 2148(a)(d), u 2149(a) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Sama' l-provi tal-partijiet ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Din hi kawza ta' reklam semplici ta' hlas ghal xoghol li l-attur ghamel mal-konvenut meta kien mar jahdem mieghu

bi prova ghal xi granet f’dar fil-Fontana, Ghawdex, fejn dak iz-zmien il-konvenut kien qed jaghmel xoghol ta’ bajjad fir-residenza ta’ Silvio Buttigieg. Kien hadem mieghu bejn il-25 ta’ Settembru 2009 sal-21 ta’ Novembru 2009, u mbaghad waqaf ghax ra li l-konvenut ma kienx qed ihallas lill-haddiema li kellu jahdmu mieghu. Skond l-attur il-konvenut ghandu jaghtih is-somma ta’ elf u sitt Euro u disgha u ghoxrin centezmi (€1,1006.29) tal-granet li hadem mieghu. Fl-istess talba l-attur qed jitlob ukoll minghand il-konvenut il-hlas ta’ mitt Euro u sitta –il centezmi (€100.16) li skont hu ghandu jiehu minghandu f’xiri ta’ zewg fliexken whiskey, zewg grossi sigaretti, u erbgha galluni nbid li l-konvenut kien inkarigah jixtrilu u kien baqa’ ma hallsux taghhom ;

Billi fil-mori tal-kawza l-konvenut eccepixxa li l-azzjoni attrici tinsab preskritta ai termini tal-artikoli 2147(c), 2148(a)(d), u 2149(a), li baqghet tigi sostnuta sal-ahhar mill-konvenut, dan it-Tribunal ser jghaddi l-ewwel biex jezamina u jiddeciedi dwar din l-eccezzjoni ;

L-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili jipprovdi testwalment illi ‘l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra imhallsin bix-xahar, ta’ l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu’, huwa preskrivibbli bl-eghluq ta’ sena ;

Fil-kaz prezenti permezz tal-avviz prezentat fil-21 ta’ Marzu 2011, l-attur qed jitlob il-hlas ta’ elf u sitt Euro u disgha u ghoxrin centezmi (€1,006.29) ta’ erbgha u ghoxrin gurnata xoghol li hadem mal-konvenut bir-rata ta’ wiehed u erbghin Euro u tlieta u disghin centezmi (€41.93) kull gurnata ghall-perijodu bejn il-25 ta’ Sttembru 2009 sal-21 ta’ Novembru 2009. Mill-istess att ta’ l-avviz jirrizulta illi fis-7 ta’ Frar 2011, giet prezentata ittra ufficjali. Fir-rigward tat-talba tieghu l-attur esebixxa mal-istess avviz prospett redatt presumibilment minnu in sostenn tal-pretensjoni tieghu. Issa minn dak desumibbli mill-provi ma jidherx li l-attur qed jattakka l-preskrizzjoni eccepita taht dan l-artikolu partikolari fis-sens li din ma hijiex applikabbli ghal kaz tieghu. Hekk per ezempju ma jghidx li din il-preskrizzjoni hi irrilevanti ghax hu jithallas bil-gimgha u

hlas bhal dan mhux kontemplat fil-provvediment tal-ligi fuq riportat. Anzi' minn dak li xehed l-attur innifsu a fol.21 fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2011, '*il-ftehim kien li jien nithallas bir-rata ta' wiehed u erbghin ewro u tlieta u disghin ewro centezmi (€41.93) ghal kull gurnata ta' xoghol, ekwivalenti ghall-tmintax –il lira Maltin (Lm18)*'. Wiehed allura jkollu necessarjament jifhem jew jiddeduci minn din ix-xhieda illi l-mod tal-hlas tieghu jew il-kwalifika tax-xoghol tieghu tirrientra fil-kwadru ta' dak dispost fl-artikolu citat. L-ittra ufficjali fil-konfront tal-konvenut gietipprezentata fis-7 ta' Frar 2011, u cioe' aktar minn sena wara li l-attur kien hadem l-ahhar mal-konvenut. Mill-atti ma jirrizultax b'mod konkret la li kien hemm weghda ta' hlas u lanqas rikonoxximent tad-debitu, anzi' hemm cahda kategorika minn naha tal-konvenut li ghandu jaghtih xi hlas, u ghalhekk ma jistax jinghad li saret rinunzja ghall-preskrizzjoni eccepita. Ir-rikonoxximent ta' kull debitu ghandu jkun car u esplicitu (**Kollez. Vol. XXXVIII.iii.723; Carmelo Attard et noe vs Domenic Micallef et noe**, Appell, 19 ta' Novembru 2001). Dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif l-attur halla z-zmien jghaddi u dam ma ha azzjoni meta kien jaf bil-problema li kellu l-konvenut li ma kien qed ihallas lil hadd. Fil-fatt fi kliem l-attur stess ma kienx baqa' jahdem mieghu wara l-21 ta' Novembru 2009, propjru l-ghaliex kien jaf li kien ser ikollu problemi mal-konvenut biex jithallas minghandu billi nies ohra li hadmu mieghu kienu spiccaw ma thallsux ukoll, u mbaghad l-attur halla l-fuq minn sena tghaddi qabel ma ddecieda li jiehu passi kontra l-konvenut bl-ispedizzjoni tal-ittra ufficjali fil-konfront tieghu ;

Din l-eccezzjoni ghalhekk timmerita li tigi milqugha fir-rigward tal-hlas li l-attur qed jitlob minghand il-konvenut tal-granet tax-xoghol li l-attur hadem mieghu u li taghhom il-konvenut baqa' ma hallsux ;

A rigward it-talba l-ohra ghall-hlas ta' mitt Euro u sittax -il centezmi (€100.16), ghal xiri ta' whisky, grossi ta' sigaretti, u nbid li skont l-attur kien xtara lill-konvenut fuq inkarigu tieghu, u li taghhom il-konvenut baqa' ma' hallsux, naturalment l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat.

Inkella, fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju *actor non probante, reus absolvitur*. L-attur qed jistrieh fuq il-prospett markat dokument A anness mat-talba. La esibixxa ebda ricevuti u lanqas ma ndika z-zmien meta xtara dan ix-xorb u s-sigaretti ghalkemm mix-xhieda ta' ibnu Silvan Zerafa jidher li missieru kien xtrahom fi zmien li huwa kien ghamel jahdem mal-konvenut. Il-konvenut jichad li huwa kien qat gieghel lill-attur jixtrilu dan ix-xorb u s-sigaretti ;

In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi lill-konvenuti in bazi ghal principju li *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fit-talba tieghu. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili ;

Hi wkoll regola ben assodata illi meta ma tistax issir il-prova solita, u meta jkun hemm cirkostanzi partikolari u specjali li jistghu jispjegaw ghaliex ma tistax issir, hu dmir tal-gudikant li jirricerka provi ohra li jissodisfawh ;

Intqal fid-decizjoni fl-ismijiet "**Manuel Zerafa –vs- Nazzareno Muscat Scerri**", Prim'Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970 illi "*bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt*

*serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju 'actore non probante reus absolvitur'. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor 'reus in excipiendo fit actor', ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu'*. Dejjem pero' jinkombi fuq min jallega l-ezistenza tal-kreditu illi dan ikun fl-ewwel lok ipprovat a pjena sodisfazzjoni u b'mod univoku u konvincenti. Fil-kaz *de quo*, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, tali prova ma saretx u, anzi', apparti l-konflitt bejn iz-zewg verzjonijiet, jezisti dubju serju dwar l-esigibilita' reklamata ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------